**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 28 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 8**

**Avviz Nru: 1202/01 AE**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Richard Mercieca sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Richard Mercieca**

**vs**

**Jacqueline Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmintax-il lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm318.18), rapprezentanti danni u spejjez inkorsi mill-atturi in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara fi

Triq Guze Galea kantuniera ma' Triq Geronimo Abos, Iklin fid-29 ta' Marzu 1999 propjeta ta' Richard Mercieca u assigurata mas-socjeta attrici,  l-vettura numru JAG 914 misjuqa mill-konvenuta u ghal liema incident tahti unikament il-konvenuta minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta u li permezz taghha kkontestat it-talba tas-socjeta attrici.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta' Marzu 1999 fi Triq Guze Galea, l-Iklin.

2. Mill-provi rrizulta li l-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet ghadha kif dahlet fi Triq Guze Galea, l-Iklin filwaqt li l-attur kien gej mid-direzzjoni opposta u ried johrog ghal fuq Triq Geranimo Abos, l-Iklin.

3. It-Tribunal irid jiddecidi skond il-principju *iuxta allegata et probata*, u dan ghab-bazi tat-talba attrici u l-eccezzjonijiet li jinghataw mill-konvenut.

4. Mill-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 19) jirrizulta li l-incident sehh *"on the crown of the road"*. Huwa maghruf li r-regolamenti tat-traffiku jippreskrivu illi d-driver ghandu jzomm max-xellug nett tat-triq. Il-Highway Code tipprovdi f'dan is-sens: *"**KEEP WELL TO THE LEFT**, except when you intend to overtake or turn right. Do not keep in the middle of the road. Do not cut corners"* (Art. 55). Izda hu logiku li wiehed ma japplikax dak ir-regolament b'mod inflessibbli ghal kull xorta ta' lokalita' ghax jista' jkun hemm lokalitajiet li fihom ma hemmx bzonn li dan ir-regolament jigi osservat b'reqqa (ara sentenza riportata fil-Volum XLVI.ii.762). Anzi jista' jkun hemm certu lokalitajiet fejn is-sewwieq ikun jehtieglu jinqala' min-naha estrema tax-xellug u jigbed ghan-nofs tat-triq.

5. Mill-provi li tressqu ma jirrizultax li hemm xi raguni li tista' tiggustifika ghalfejn iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu lejn in-nofs it-triq. Il-konvenuta xehdet li fuq ix-xellug taghha kien hemm vettura pparkjata (fol. 19) li kienet iktar lejn il-kantuniera milli kif tidher fuq l-iskizz. Kompliet tghid li meta sehh l-incident kienet ghadha kif ghaddiet din il-vettura, u

li rat il-vettura misjuqa mill-attur (tul ta' xi sitt vetturi l-boghod) qabel ma ghaddiet lill-vettura pparkjata. It-Tribunal huwa tal-fehma li anke jekk wiehed kellu jaccetta din il-verzjoni (jigi rilevat li l-iskizz ma jikkonfortax din it-tezi), il-konvenuta kellha tkun iktar prudenti fis-sewqan taghha qabel ma bdiet il-manuvra sabiex tghaddi ma gemb il-van ipparkjat fuq ix-xellug taghha. Dan mehud ukoll in konsiderazzjoni l-wisa' ta' Triq Guze' Galea. Dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghal fatt li l-iskizz imhejji mill-pulizija (fol. 19) jindika pjuttost li l-konvenuta dahlet fi Triq Guze Galea b'certu sahha u l-vettura gibdet lejn in-nofs tat-triq.

6. L-istess japplika fir-rigward ta' l-attur, li fil-kors tax-xhieda tieghu ma ta l-ebda raguni li setghet b'xi mod tiggustifika s-sewqan tieghu ghan-nofs tat-triq. Mill-iskizz u mill-provi l-ohra li tressqu ma jirrizultax li kien hemm xi vetturi pparkjati fuq ix-xellug ta' l-attur (ghajr ghal dik li hija ndikata fuq l-iskizz tal-pulizija). It-Tribunal irid jiddecidi fuq il-provi li jitressqu u mhux fuq semplici supposizzjoni ta' x'seta' kien hemm. Il-vettura ta' l-attur halliet *brake marks* ta' 6.70 metri, li jindika velocita ta' ftit iktar minn tletin kilometru fis-siegha. It-trajettorja tal-*brake marks* u tal-vettura misjuqa mill-attur kif murija fuq l-iskizz (fol. 19), jaghtu wiehed x'jifhem li qabel ma sehh l-incident l-attur ipprova jigbed ghal fuq ix-xellug tieghu pero' ma rnexxielux.

7. Fil-fehma tat-Tribunal, bis-sewqan taghhom il-partijiet qieghdu lilhom infushom fil-posizzjoni li rinfaccjati b'emergenza subitaneja ma setghux jiehdu mizuri sabiex tigi evitata l-kollizjoni.

8. It-Tribunal kellu l-opportunita wkoll li jaccedi fuq il-post fejn sehh l-incident meritu tal-kawza, u kkonstata li llum il-gurnata hemm sinjal *"no entry"* mid-direzzjoni li fiha kienet ghaddejja l-konvenuta dakinhar ta' l-incident. Irid jigi osservat li Triq Guze Galea, l-Iklin hija dritta u ghalkemm mhux wiesgha hafna tati lok li jghaddu zewg vetturi minn hdejn xulxin. Sewqan prudenti kien jitlob li s-sewwieqa josservaw b'reqqa r-regolament li jzommu man-naha tax-xellug taghhom.

9. It-Tribunal huwa ghalhekk tal-fehma li z-zewg sewwieqa kienu responsabbli ghall-incident tat-traffiku, u dan f'sehem ugwali bejniethom.

10. Dwar id-danni, dawn jirrizultaw ippruvati (ara fol. 15 *et seq.*). Hemm ukoll is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) li hallas l-attur sabiex ghamel u giet processata l-claim mal-kumpannija ta' assigurazzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-attur u lill-konvenuta responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta’ Marzu 1999 fi Triq Guze Galea, l-Iklin f’sehem ugwali bejniethom, jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn u erbatax-il lira Maltija (Lm214).

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) ghandhom jinqasmu f’sehem ugwali bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**